# WERQA MALTIJA

(Lis-Sur Nin Cremona li tani b'tifkira ktieb il-għanjiet tiegħu "Weraq mar-Riħ".)

Vassalli fik ieħor jien nilmaħ
Mehdi f'żogħżitek bil-ħedma,
Titgħallem u tifli l-Lsien Malti
Kienet din tiegħek il-fehma.

Kien dejjem ħabibek ilsien'na,
Ġmielu għaraftu bis-sedqa
Bil-għaraq ta' ġbinek saqqejtu,
Ktibtu bil-għaqal u r-reqqa.

Ewlieni mal-aqwa kittieba
Tħawtel u magħhom tissiħeb :
L-imħabba ta' lsienna sabiħa
Tnissel, biex tajjeb jinkiteb.

U meta ħatruk biex il-Malti
Tgħallem, għal żmien, fil-għaxija,
Għaraft kull tfixkil malajr tirbaħ,
Tiegħu urejtna s-sbuħija.

Saħħartna bil-ġrajja ta' lsien'na :
Dmirek, ja Malti, għamiltu ;
Fiż-żgħażagħ żrajt tiegħek it-tama,
Għerfek qassamtu u ħaddimtu,

Fil-ġrajja minqux jinsab jeddek :
Ismek fi ħsiebi rekkintu
Niftakar sakemm intemm ħajti
Li minnek il-Malti tgħallimtu.

**M Agius.**

Villa Lia
5 ta' Mejju 1932.

Bħala l-ewwel warda li fetħet minn xitla żagħżugħa, għaddejnihielu għall-"Il-Malti" din il-Werqa Maltija lil M. Agius.

Ma fihiex poeżija kbira, imma l-versi—wieħed tad-disgħa u l-ieħor tat-tmienja—maħdumin ġmielhom : u għandna tama li l-quddiem jatina xi ħaġa aħjar. Aħna dejjem nixtiequ nagħmlu l-qalb. N. t. D.

# GĦANA U ĠMIEL TAL-LSIEN MALTI

Qabel xejn ma nidħol fl-argument minni mħabbar, nibda biex infisser x'nifhem bil-kliem : GĦANA U ĠMIEL.

Il-Għana hi dik il-qagħda li fiha jinsab min ikollu biż-żejjed biex jista' jgħix, mingħajr ma jeħtieġlu jitlob il-għajnuna jew jissellef minn għand ġaru. Bniedem li ma għandu bżonn ta' ħadd, jissejjaħ Għani. Għani hu dak il-lsien ta' Ġens, hu min hu, illi biex xi ħadd bih jitkellem, ma għandux bżonn, la jissellef u la jisraq il-kliem minn għand ġnus barranin. Meta dal-lsien għandu biż-żejjed sombor ta' kliem biex jista' jiftihem waħdu, jissejjaħ : *Lingwa.* Il-lsien Malti huwa tassew Lingwa, u Lingwa għanja biż-żejjed.

Ftit tas-sabar, u l-quddiem ngħarrafkom aħjar u taraw b'għajnejkom u tmissu b'idejkom.

Ġmiel huwa *assolut* jew *relattiv.*

Il-Ġmiel assolut, ma jgħammarx fid-dinja, għax hu biss tas-Sema : Alla biss hu sabiħ il-lum, il-bieraħ, u għalli ġej. Il-Ġmiel tad-dinja, hu relativ; għalhekk dak li l-lum jidher sabiħ, sata' kien ikreh il-bieraħ, u l-ikreh tal-lum jista' jkun sabiħ għada, għaliex jiddependi mill-fehma jew mill-kapriċċ tal-bniedem jew mill-imkien, fejn wieħed ikun trabba' u dara. Il-Ġapponiż, l-Indjan, u ż-Żulu jaraw is-sbuħija tan-nies tal-Ewropa, bħala kruha ; bil-maqlub; il-ġnus bojod tal-Ewropa, is-sbuħija tan-nies suwed jistmerruha. Mela l-ġmiel hu relattiv, għax kieku kullħadd jarah xorta waħda. Ix-xbieha t'Alla, minquxa jew pinġuta minn mgħallem Ewropew, hi l-għażla tal-isbaħ bniedem abjad : xahru qastni għajnejh kbar u suwed, ġismu mislut : mentri l-Abbissiniżi jagħmluh iswed tuta; il-Ġappuniżi, jagħmlulu għajnejh lewża; l-Indjani, jonfħulu żaqqu. Din hi s-sbuħija skond dawk in-nies. Sbuħija relat-tiva, li għandha x'taqsam mal-*ambjent*, jiġifieri mat-trobbija, mal-ħâra, mat-tagħlim u ma' dak kollu li bniedem jiltaqa' miegħu mindu jitwieled sakemm jixjieħ. Mela, il-ġmiel mhux għal kullħadd xorta waħda.

Meta huwa hekk, nerġgħu lura għal fejn bdejna, meta għedna, li l-ilsien Malti hu għani, u jista' jgħid ħsiebu